**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 24 ta' Mejju 2018**

**Pulizija**

**Spettur Fabian Fleri**

**Spettur Lydon Zammit**

**Vs**

**Emanuel Meli**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Emanuel Meli ta' 53 sena, iben Rosario u Maria nee' Muscat, imwieled Marsa nhar is-16 ta' Dicembru 1964, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 86465M u residenti gewwa Jane, Triq tal-Millieri, Ghaxaq;

Talli f'Marzu 2018 gewwa Kirkop u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer:

1) Xjentement xtara jew laqa' ghandu oggett misruq u cioe' ghodda li l-valur taghhom jeccedi il-232.94 euro izda ma jeccedix 2,329.37 euro, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkunu indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-24 ta' Mejju 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sentejn, ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**